

# Kuruna Ta' Palm u Ġilji F'Ġieħ Santa Katarina V.M.

Is-Sur Angelo Schembri



Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn dak li kien isawwar il-Festi tal-irħula u l-bliet tagħna fi żmien l-imgħoddi, fost affarijiet oħra żgur li jiltaqa' ma' dawk il-poeżiji sbieħ imsejħin sunetti. Das-sunetti kienu jiġu stampati fuq karti irqaq ħafna jew anke fuq imkatar tal-ħarir biex ma jkollhomx piż kbir u jkunu jistgħu jintefgħu maż-żiffa tar-riħ mill-kampnari u minn fuq il-bjut tal-knejjes. Ħamsa u tmenin sena ilu, missirijietna ż-Żwieten, kellhom novita' ġdida għall-Festa li kienet tiġi ċċelebrata f'nhar il-25 ta'Novembru. Permezz tas-Saċerdot u Poeta Żurrieqi Dun Ġużepp Farrugia, ġie ppubblikat ktejjeb (1) mimli poeżiji sbieħ f'ġieħ il-Patruna tagħna Santa Katarina V.M., kollha xogħlijiet bil-lingwi Latin, Taljan u Malti, li jfakkru l-ħajja u jeżaltaw il-glorja tal-Patruna tagħna ż-Żwieten. Għalhekk, wieħed ta'min iħossu kburi, li ta'qabilna marru pass oltre minn festi oħra, u kellhom f'idejhom dal-ktieb minflok is-sunetti li semmejna.

Biex wieħed jikteb dwar dil-ġabra ta'poeżiji u innijiet ta' tifħir, iridu jiġu kkunsidrati ż-żminijiet li fih ġie ppubblikat. Għalhekk tajjeb ta' min jgħid li s-snin għoxrin u bidu tat-tletinijiet, kienu żminijiet tad-deheb għall-Parroċċa taż-Żejtun. Kien żmien ta'qawmien artistiku u kulturali kbir, b'opri jew avvenimenti li għadhom preżenti sal-lum il-ġurnata. Wieħed ta'min ifakkar li fis-sena 1920, tlesta l-kwadru tal-Mewt ta' San Ġużepp xogħol il-pittur Ramiro Cali', fl-1929 tlesta t-tużell grandjuż li jsebbaħ il-Knisja fil-jiem tal-Festa titulari, fuq disinn tal-Vittoriosan Giuseppe Decelis u fl-istess sena sar ir-restawr estensiv fuq il-vara ta' Santa Katarina V.M. mill-pittur Giuseppe M. Caruana. Imbagħad fl-1930, iżżanżnet il-vara artistika ta' San Mikiel Arkanġlu, xogħol l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. (2) Wieħed ma jridx jinsa li fis-sena 1928 (3), ingħata bidu għat-twaqqif tat-tielet formazzjoni mużikali Żejtunija, dik li ħames snin wara, fl-1933, ġiet mgħammda bl-isem ta' Għaqda Banda Żejtun. Minn dil-lista, wieħed żgur jasal għall-konklużjoni kemm kienu snin importanti dawk l-għaxar snin li semmejna.

Dal-ktejjeb ta' 45 paġna stampata, intitolat Corona di Palme e Gigli in Omaggio a S. Caterina V. e M. Titolare e Patrona del Zeitun, ġie mitbugħ fl-istamperija ta' Giovanni Muscat, li kienet tinsab fi Triq Sant' Ursola l-Belt Valletta. Jibda b'dedika tal-Poeta Dun Ġużepp Farrugia lill-Arċipriet ta'dak iż-żmien, il-magħruf saċerdot Żejtuni Dun Lawrenz Degabriele (1852-1932). F'din id-dedika, Farrugia jitlob lill-Arċipriet jilqa'dil-ġabra ta' poeżiji f'ġieħ Santa Katarina V.M., u jiddattaha 16 ta'Novembru 1928, iż-Żurrieq. Fih xejn anqas minn għoxrin poeżija kollha ad unur il-Qaddisa Lixandrina, fosthom anke traduzzjoni għall-Malti ta' Innu miktub bil-Latin, li ħareġ mill-pinna tiegħu stess. Bil-versi ritmiċi poetiċi, Dun Ġużepp Farrugia jirnexxielu jiġbor l-aktar episodji magħrufa u mportanti fil-ħajja ta' Santa Katarina V.M., bħad-disputa mal-għorrief, il-martirju tar-rota u l-qtugħ ir-ras. Ta' min jgħid ukoll, li wħud minn dal-poeżiji huma twal ħafna tant li jlaħħqu l-ħamsa u għoxrin strofa. Fost l-oħrajn, fl-ewwel poeżija bil-lingwa Maltija huwa jsellem b'dal-kliem sabiħ:

Ejja nfaħħru l-kbir martirju
Tal-Imqaddsa Katerina,
Ġawhra żgur l-iżjed għażiża
Ma tiddix aktar minn dina;
Fuqha l-ġmiel tal-Qodos xtered
Sabiex b'għerfha l-qerq jinqered.

Il-Poeta Dun Ġużepp Farrugia twieled fis-sena 1863 iż-Żurrieq u ġie ordnat saċerdot fl-1889, meta kellu 26 sena. (4) Huwa serva bħala Kappillan fl-isptarijiet Connaught u Monte Carmeli, tgħallem ħafna lingwi u anke ttraduċa xi kotba mil-lingwa Franċiża. Fost l-oħrajn huwa ppubblika 13 -il ktieb fis-serje Mogħdija taż-Żmien, li kien jieħu ħsiebha s-Sur Alfons Maria Galea. Fost dawn il-kotba, wieħed isib: Tini Xortija u itfagħni l-Baħar (1908), Kull Deni ħudu b'Ġid (1911), Ġrajja ta'pajjiżna (1914), Sagħtar u Plejju (1924) u Palm u Rand (1925). F'uħud minn dawn il-kotba, huwa ġieli inkluda xi poeżija f'ġieħ Santa Katarina V. M. minn dawk miġbura fil-ktejjeb imsemmi. Dun Ġużepp Farrugia kellu statura twila ġmielha, tant li kien magħruf bħala "l-Lasta" u kien joqgħod fl-inħawi tan-Nigret. Il-kittieb Remig Sacco

*Ikompli....*

jgħid li Dun Ġużepp kien jispikka l-aktar fil-poeżija satirika. Jeżisti wkoll l-għidut li huwa kien partitarju tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu. (5) Wieħed jista' jasal jissuspetta li dan l-għidut huwa minnu mill-istrofa:

Kbar u żgħar lil Katarina
Għatu ġieħ ta'veri wlied
Għax biex tkun il-Protettura
Tagħkom biss lilha Alla ried.

Meta wieħed iqis li dil-poeżija miktuba fil-25 ta' Novembru 1924, hija ntiża għall-Festa taż-Żejtun, dik il-kelma "biss" fl-aħħar vers, donnha tagħti ħjiel ta' xi pika ma' raħal twelidu. Fil-ktieb tiegħu Il-Ħajja tal-Verġni u Martri Santa Caterina, l-awtur Giuse`Belli, (6) jinkludi diversi poeżiji mill-ktejjeb ta' Dun Ġużepp Farrugia u bejn waħda u oħra jispiċċa kważi jiskużah talli dan ix-xogħol huwa miktub għall-parroċċa taż-Żejtun u mhux għal dik ta' raħal twelidu ż-Żurrieq. Madanakollu jrid jingħad ukoll li Dun Ġużepp Farrugia, sa mis-sena 1890, kien diġa ppubblika ktejjeb ieħor intitolat La Festa Popolare Zurrichina, li jikkonsisti f' poeżija twila 18-il strofa lkoll komposti minn sitt ivrus. (7)

Jidher li l-ktieb ta' Dun Ġużepp għall-Parroċċa taż-Żejtun, kien fil-fatt wieħed mill-aħħar xogħlijiet li ħarġu minn taħt idejh, għax sena biss wara li ġabar dax-xogħol impenjattiv, jiġifieri fl-1929, Dun Ġużepp miet fl-għomor ta' 66 sena. Il-ktieb Corona di Palme e Gigli in Omaggio a S.Caterina, iġib in-Nihil Obstat miċ-Ċensur Teologu M. Tonna Barthet u l-Imprimatur mogħti mill-Kurja Episkopali ta' Malta mill-Vigarju Ġenerali Monsinjur P. Galea, bid-data tal-31 t'Awwissu 1929. Għalhekk naslu għall-konklużjoni li minkejja li d-dedika lill-Arċipriet Degabriele, nkitbet fl-1928, il-ktieb ġie stampat u mqassam għall-Festa speċjali tal-1929, meta ż-Żejtun laqa' lura l-vara titulari mir-restawr. Nagħlaq din il-kitba billi nissuġġerixxi l-idea li dan il-ktejjeb jerġa'jiġi stampat, biex iż-Żwieten tal-lum il-ġurnata wkoll igawdu mill-pinna poetika ta'Dun Ġużepp Farrugia, u biex nikkonkludi, nissellef strofa oħra li biha jonora lill-Patruna tagħna Santa Katarina V. M.:




Bi Protettura – għażiża tagħna
Alla iva riedek – ħtar u ddestina:
Qima u foħrija – għalhekk minn qalbna
Ilkoll ngħidulek – Ja Katerina,
Ġemma tal-Verġni – Għaxqa tal-Knisja,
Omm tagħna ż-Żwieten – Omm wisq ħanina.

Itghaxxku, ja Zujeten
B'edin l'Omm minn taghcom.
Sejhula f'cull htiega
Biex hi tiekaf maghcom.

U chif sa mill kedem
Dauc niescom habbeuuha
U b'mimmi ta kalbhom
Tul hajthom ghozzeuuha,

Hecc intom l'uliedcom
Di'l hegga ta imhabba
Nisslulhom biex dejjem
Fi klubhom titrabba.

Jum isbah ghalicom
Ma tulec ja sena
Ma hemmx, li fih kulbcom
Jitfauru bil hena.

Itghaxxku, ja Zujeten;
U Biha ithenneu;
Cull farag tas-Sema
Minn ghandha istenneu.

Waħda mill-poeżiji ppubblikati fil-ktejjeb li dwaru jittratta l-artiklu, miktuba bil-Malti antik.

Referenzi:

1. Ħajr lill-kittieba tal-istorja s-Sinjura Carmen Lia li għaddietli kopja tal-ktejjeb li dwaru bnejt din il-kitba.
2. Dun Joe Abela - Il-Parroċċa taż-Żejtun tul iż-Żminijiet (Paġni 122, 129 u 152)
3. Francis Galea - Miż-Żejtun, l-Għaqda Banda Żejtun (Paġna 72)
4. Remig Sacco - Iż-Żurrieq kif Għextu Jien (Paġna 36)
5. Hajr lill-W.R. Dun Karm Camilleri li kkomunikali din l-informazzjoni.
6. Ħajr lil Fr. John Curmi talli għaddieli kopja tal-ktieb ta'Giuse`Belli.
7. Philip Schembri f' Programm tal-Festa Santa Katarina Zurrieq (Paġni 191 u 193)